**17 ta' Ġunju, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

*George Borg Cardona*

*versus*

Elfrida Borg Cardona

**Preskrizzjoni – Nullità ta' Sentenza – Kap Separat ta' Sentenza**

*L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni għandha tiġi deċiża b'kap għaliha, qabel jew flimkiem mas-sentenza fuq il-mertu. Jekk din ir-regola ma tiġix osservata, l-uniku rimedju huwa dak li s-sentenza appellata tiġi annullata minħabba difett ta' forma, u l-atti jiġu mill-ġdid mibgħutin lill-ewwel Qorti.*

*Hemm ukoll diversi sentenzi li jirritjenu illi n-nullità ta' sentenza tista' tiġi ssollevata mill-Qorti ex officio.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; Premess illi l-kontendenti żżewġu fit-22 ta' Awissu, 1959 kif jidher fiċ-ċertifikat hemm anness (Dok. A); Peress illi ż-żewġ kontendenti jsofri minn impotenza li minħabba fiha ma setgħux jikkunsmaw iż-żwieġ; Premess illi għalhekk dan iż-żwieġ huwa null *ai termini* ta' l-artikolu 19(1)(b) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975; Talab li għar-raġunijiet premessi, prevja d-dikjarazzjoni illi ż-żewġ kontendenti jew wieħed jew waħda minnhom huma impotenti, din il-Qorti tiddikjara ż-żwieġ li ġie ċċelebrat bejn il-kontendenti fit-22 ta' Awissu, 1959, null; Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu u d-dokument minnu esebit;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta fejn qalet li l-azzjoni hija preskritta minħabba l-artikolu 20(d) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 u li fil-mertu mhux veru li l-eċċipjenti hija impotenti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u n-nota tax-xhieda tagħha;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Frar, 1984, li permezz tagħha laqgħet it-talba attriċi u ddikjarat iż-żwieġ li sar bejn il-kontendenti fit-22 ta' Awissu, 1959 huwa null u bla effett *ai termini* ta' l-artikolu 19(1)(e) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975, minħabba impotenza relattiva ta' l-attur bl-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi tal-każ jitħallsu mill-attur;

*Omissis;*

Illi rigward l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, l-ewwelnett taqbel mar-raġunamenti u konklużjoni msemmija mill-istess periti appuntati mill-Qorti però tixtieq iżżid ukoll li l-artikolu 20 ta' l-Att imsemmi, li fuqu ġiet ibbażata l-preskrizzjoni, ġie ssotitwit interament bl-emenda ta' l-1981 u li għalhekk fi kwalunkwe każ mhux applikabbli;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta u l-petizzjoni ta' l-appell tagħha li permezz tagħha talbet ir-revoka tas-sentenza appellata u li din il-Qorti tgħaddi minflok biex tiċħad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur appellat li biha wara li ddikjara *li kien qed jinterponi* appell inċidentali talab lil din il-Qorti biex filwaqt li jiġi miċħud l-appell tal-konvenuta bl-ispejjeż kontra tagħha, din il-Qorti tilqa' l-appell inċidentali tiegħu billi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ddikjarat iż-żwieġ bejn il-kontendenti null u bla effett, tirrevokaha in kwantu ddikjarat li dan hu dovut biss għall-impotenza da parti ta' l-attur u minflok jiġi ddikjarat li dan hu dovut għall-impotenza taż-żewġ kontendenti, u tirrevokaha wkoll *għar-rigward tal-kap ta' l-ispejjeż,* billi *minflok li l-ispejjeż jiġu* akkollati kollha lill-attur, jiġi deċiż li dawn għandhom jiġu ssopportati mill-konvenuta appellanti;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

*Ikkunsidrat:*

Illi l-appell odjern mhux ser jiġi deċiż fil-mertu u dan *stante* preġudizzjali li ġiet issollevata mill-Qorti stess *ex officio* fis-seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 1986, u li tirrikjedi sentenza *ad hoc.* Fis-seduta msemmija din il-Qorti rrelevat lid-difensuri tal-partijiet il-fatt li oriġinarjament kienet ingħatat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u attirat l-attenzjoni ta' l-istess partijiet għal dak li jingħad fis-sentenza appellata b'referenza għal din l-eċċezzjoni;

L-istess punt issollevat minn din il-Qorti ġie ttrattat mid-difensuri tal-partijiet u għalhekk din il-Qorti issa sejra tgħaddi biex tiddeċidi din il-vertenza;

Ikkunsidrat:

Illi kif diġà ngħad fil-parti relattiva għan-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta waħda mill-eċċezzjonijiet minnha mogħtija kienet prevja dik tal-preskrizzjoni minħabba l-artikolu 20(d) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975;

Issa skond l-artikolu 730 tal-Kap. 12 (ġà 731 tal-Kap. 15) l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tiġi deċiża b'kap għaliha, *qabel, jew, flimkien mas-sentenza fuq il-mertu*;

Illi kif ġie deċiż minn din il-Qorti f'diversi okkażjonijiet preċedenti fosthom is-sentenzi *in re* Micallef *vs* McCance (7-5-1951, Vol. XXXV.I.101) u *in re* Cassar *vs* Cachia (12-12-1931, Vol. XXVII.I.663) jekk tali dikjarazzjoni tal-liġi "ma tiġix osservata, l-uniku rimedju huwa dak li s-sentenza appellata tiġi annullata minħabba difett ta' forma, u l-atti jiġu mill-ġdid mibgħutin lill-Ewwel Qorti";

Kif jidher ukoll minn diversi sentenzi oħra fosthom dik ta' din il-Qorti *in re* Micallef *vs* Scicluna (7-11-51 Vol. XXXV.I.320) trattandosi ta' nuqqas ta' osservazzjoni ta' dak li jipprovdi l-imsemmi artikolu 730 tal-Kap. 12 b'riferenza għal din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kif ukol għal eċċezzjonijiet oħra kemm indikati, in-nullità tas-sentenza tista' tiġi ssollevata mill-Qorti *ex officio;*

Fil-każ inn diżamina hu ovvju mill-istess korp tas-sentenza speċjalment mill-parti operativa ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenuta ma ġietx deċiża b'kap separat flimkien mas-sentenza fuq il-mertu. Anqas ma jirriżulta mill-proċess li din l-eċċezzjoni ġiet deċiża b'kap separat qabel ma ngħatat is-sentenza appellata;

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan in-nuqqas da parti ta' l-Ewwel Qorti *li tosserva l-preċett impost bl-artikolu 730 tal-Kap.* 12 arreka preġudizzju lill-konvenuta li ma jistax jiġi riparat ħlief bid-dikjarazzjoni ta' nullità tas-sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi għalhekk tiddikjara nulla s-sentenza appellata u tordna li l-atti jiġu rrinvjati lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni u deċiżjoni skond il-liġi. L-ispejjeż kollha jkunu a kariku tal-partijiet fi kwota ta' nofs kull wieħed.